MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2434/1997/1

**Zammit Automobiles Ltd.**

**Vs**

**Charles Bezzina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi in forza ta' skrittura datata 19 ta' Lulju, 1995 (Dok.A) is-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut coach tal-marka Ghabbour numru ta' registrazzjoni Y-2525 bil-prezz ta' tlieta u sittin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm63,250).

Premess illi skond ma jirrizulta mill-anness prospett (Dok. B) il-konvenut sallum hallas s-somma komplessiva ta'

tmienja u erbghin elf seba' mija u hamsin Lira Maltin l-ahhar pagament fit-18 ta' Settembru, 1995.

Premess illi l-ammont dovut illum huwa nkwantu ta' sbatax-il elf tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,328.38) bilanc tal-kapital u nkwantu ta' elfejn seba' mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,799.13) imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma inkwantu ta' sbatax-il elf tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,328.38) bilanc tal-kapital u inkwantu ta' elfejn sebgha mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,799.13) imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Bl-imghax legali ulterjuri mill-25 ta' Settembru, 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta'qbid u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

A. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ma tinkludix l-allegat mandat tal-attur, kif hu tassattivament rikjest mill-ligi tal-Procedura.

Illi inoltre t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi huma xtraw ix-xarabank in kwistjoni bhala gdida bil-prezz ta' tlieta u sittin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm63,250) izda rrizulta li kien fiha hafna difetti u dana kif

jirrizulta mill-anness rapport ta’ Joseph Zammit mmarkat Dok. A.

2. Illi l-attur kien offra s-somma ta’ elf Lira Maltin (Lm1000) lill-konvenuti bhala *in full and final settlement* izda dawn irrifjutaw hekk kif id-difetti tieghu baqghu dejjem jikbru.

3. Illi huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenuti u dana sabiex huma jkunu jistghu jirrangaw ix-xarabank mid-difetti li fiha li aktar ma jghaddi z-zmien aktar qed jikbru l-hsarat.

4. Illi minhabba s-sekwestru ta’ l-attur huma ma jistghux jisselfu mill-bank sabiex isewwu bla pregudizzju l-hsarat tax-xarabank.

Salvi eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

Rat **it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut** a fol. 20 fejn ippremetta li huwa kien xtara minghand l-attur coach tal-marka Ghabbour numru Y 2521 (sic Y 2525) bil-prezz ta’ Lm63,250;

Peress illi din il-coach irrizulta li kienet difettuza tant li anke s-saqaf iqattar meta taghmel ix-xita u dana kif jirrizulta mill-anness rapport ta’ Joseph Zammit u markat Dok A;

Peress illi ghalkemm interpellat biex isewwi dawn il-hsarat l-attur baqa’ inadempjenti;

Jghid il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbili Qorti m’ghandiex:

1. tiddikjara okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nominandi li l-imsemmija coach Ghabbour Y 2521( sici Y2525) kien fiha fil-mument tal-bejgh taghha lill istess konvenut difetti li jnaqqsu l-valur taghha;

2. tillikwida l-ammont ta’ dawn id-difetti;

3. tikkundanna lill-attur ihallas lill konvenuti l-ammont ta' danni hekk likwidati bl-imghax mid-data ta' 20 ta' Lulju 1995.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba** tal-konvenuti a fol 42 tal-process fejn eccepiet :

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma perenti u preskritti ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

2. Illi t-talba rikonvenzjonali sabiex jigu likwidati dawn id-difetti hija nsostenibbli guridikament in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma jigux likwidati id-difetti izda dik is-somma li x-xerrej ma kienx ihallas kieku jaf bid-difetti allegati.

3. Illi t-talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni hija irritwali in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma tistax tintalab kundanna ghall-hlas tad-danni liema talba tista' biss tigi proposta flimkien ma l-azzjoni redhibitoria.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li hemm id-difetti allegati.

5. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, fil-mument tal-bejgh is-socjeta' attrici ma kienet taf li hemm ebda difetti u ghalhekk ma hi responsabbli ghall-ebda danni.

6. Illi t-talba ghall-hlas tal-imghax mill-20 ta' Lulju, 1995 hija wkoll infondata fid-dritt peress li l-ebda imghax ma jibda iddekorri fuq danni li mhumiex likwidati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 14;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 130;

Rat id-digriet a fol. 147;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti a fol 165;

Rat il-verbal a fol. 166;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi bid-decizjoni preliminari ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2001 (fol. 130) dina l-Qorti kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi ghall kontro-talba tal-konvenut fis-sens li t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut kienu perenti u preskritti ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili u konsegwentement cahdet il-kontrotalba tal-konvenut.

Illi min dika s-sentenza kien jidher li l-konvenut kien qed jibbaza l-kontrotalba tieghu fuq il-fatt li l-coach kien difettuz, u kien fih difetti , u kien qed jagixxi bl-azzjoni stimatorja, billi baqa' jzomm il-haga ghandu u talab lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbiliti mill-Qorti (ara artikolu 1427 tal-Kap 16). Dina l-Qorti kienet iddeciediet li kien ghadda z-zmien kontemplat fl-artikolu 1431 ghal prezentata tal-kontrotalba tieghu u konsegwentement laqghet l-eccezzjoni ta' l-attur ghall kontrotalba tal-konvenut.

Sussegwentement il-konvenut talab li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens li x-xarabank mertu tal-kawza, mibjugha mis-socjeta' attrici lill konvenut ma kienx tal-kwalita' pattwita. Fl-eccezzjoni l-konvenut eccepixxa li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati minnu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li x-xarabank mertu tal-kawza, mibjugha mis-socjeta' attrici lill konvenut ma kienx tal-kwalita' jew tan-natura pattwita u ma kienx skond il-ftehim.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenut qatt ma kien ippretenda mas-socjeta’ attrici li l-*coach* ma kienx tal-kwalita’ pattwita imma huwa dejjem insista li l-*coach* kien fih difetti u agixxa bl-azzjoni stimatorja u zamm u kompla juza l-*coach*. Kien biss f’dana l-istadju, wara li giet michuda l-kontrotalba tieghu, li ressaq l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ kwalita fl-oggett mibjuh.

Illi skond l-artikolu 1390 jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita’ mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.

F’dana l-kaz il-konvenut ma rrifjutax il-*coach* u talab id-danni, anzi hu kompla juzah. Hu qed jippretendi li jircievi l-*coach* bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.

Fil-fatt kienet saret stima ex parte mill-konvenut permezz tal-espert Joseph Zammit li qal li l-*coach* kien fih diversi difetti. Il-Qorti kienet innominat lill William Cassar Torreggiani b’digriet tal-25 ta’ Awissu, 1998 u dana kien ikkonkluda li l-ispiza totali biex jissewwa l-*coach* tlahhaq ghall Lm5,325.

L-attur qed jissottometti li dina l-eccezzjoni ma tistax issa tigi proposta flimkien ma’ eccezzjoni dwar l-allegati difetti latenti.

Li dina l-azzjoni skond l-artikolu 1407(1) tintilef gheluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt u dan il-perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza. Fil-kaz li tinghata eccezzjoni dwar nuqqas ta’ kwalita’ pattwita dina trid tigi proposta fi zmien sentejn mill-konsenja ta’ l-oggett mibjugh. Il-kompratur ma jistax jaghti l-eccezzjoni meta jkun spicca z-zmien li seta’ jaghmel l-azzjoni. Fil-kaz in ezami l-bejgh sar fil-1995 mentri l-eccezzjoni ulterjuri giet prezentata fil-2002.

L-attur qed jissottometti li l-konvenut iddekada mid-dritt li jaghti l-eccezzjonijiet fit-terminu ta’ l-artikolu 1390 stante li kien baqa’ passiv fis-sentejn li kellu biex jekk kellu

pretensjoni kontra l-venditur seta’ jesperixxi wahda mill-azzjonijiet disponibbli ghalih skond l-imsemmi artikolu.

Il-konvenut ma jaqbilx li huwa baqa’ passiv meta rceva l-*coach*. Hu xehed li kien hemm trattativi biex l-attur isewwielu l-*coach* u huma ma kienux ftehemu fuq il-prezz li bih kellu jsir ix-xoghol ta’ riparazzjoni.

Il-konvenut qed jissottometti li hu jaqbel li kien hemm it-terminu ta’ sentejn skond l-artikolu 1390 u li dana l-perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza izda jsostni li dan il-perjodu hu wkoll soggett ghall waqfien fil-kaz li l-venditur ikun irrikonoxxa esplicitament id-difett u assuma bla riserva r-responsabilita’ tieghu ghat-tiswija jew ghar-rifuzjoni ta’ parti mill-prezz imhallas. Il-konvenut ghamel referenza ghas-sentenza Darmanin vs Baldacchino App 23.5.1938 Vol 30 p 1 p 639.

**Tikkunsidra**

L-artikolu 1424, l-actio redibitorja jew aestimatorja, jipprovdi li l-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghal difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom.

Dan l-artikolu jippresupponi illi l-kompratur ikun accetta l-oggett lilu konsenjat ghaliex kien jifhem li dan kien skond l-ordni u tal-kwalita’ pattwita. Sitwazzjoni din ghal kollox diversa minn dik kontemplata fl-artikolu 1390 fejn allura l-kompratur ikun ghadu ma ghamilx l-att ta’ volonta’ li bih ikun accetta l-oggett lilu konsenjat.

Meta l-haga kunsinnata mill-bejjiegh tkun afflitta min xi vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh ikunu dawk previsti minn dan l-artikolu u cioe’ jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni kwantu minoris. Il-ligi tipprovdi li x-xerrej jista’ jaghzel billi jigi ‘l quddiem <u>bl-azzjoni</u> redibitorja li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz inkella billi jigi ‘il quddiem bl-azzjoni aestimatorja, jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.

Hu car li f'dan il-kaz din id-difiza miftuha lix-xerrej ma setghetx tigi avanzata permezz ta' eccezzjoni imma kellha necessarjament tigi ntrodotta permezz ta' azzjoni. Gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati u dan jirrizulta wkoll mit-test tal-ligi, illi d-dritt naxxenti minn vizzju redibitorju ma jistax jigi dedott b'eccezzjoni imma ghandu jigi ezercitat fi zmien utili b'azzjoni. "*Il diritto nascente dal vizio che intitola l'azione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezzione ma deve essere ezercitato in tempo utile per via l'azzione*." (Vol XX.i.281) (Vol XXIX.ii.1170).

Minn naha l-ohra l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalita' imwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

F'din l-eventwalita' l-ligi tispecifika bi precizjoni kif kellu jagixxi l-kompratur li ma kienx sodisfatt bl-oggett li l-venditur ipprova jikkonsenjalu. Il-ligi taghti direttivi precizi x'kellu jaghmel il-kompratur biex jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur la darba dak l-oggett ma jkunx skond il-kwalita' mwieghda jew ma jkunx skond il-kampjun.

Id-difiza ewlenija tax-xerrej kienet li jirrifjuta l-oggett materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti. Jista' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas ghalih prezz anqas. Din kienet difiza li x-xerrej seta' javvanza ukoll per *via di eccezione* jekk il-bejjiegh jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita'. Mill-banda l-ohra, jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita, hu jkun iqieghed jippregudika rrimedjabbilment il-posizzjoni tieghu.

Fi kliem iehor, ix-xerrej m'ghandux dritt izomm l-oggett konsenjat lilu u ma jhallasx il-prezz miftiehem sakemm dak l-istess oggett ma jigix sostitwit b'iehor tal-kwalita'

pattwita jew skond il-kampjun. Li naturalment ma jfissirx li x-xerrej ma kellux il-jedd li jesigi li l-bejjiegh jonora l-obbligi tieghu li jikkonsenja l-oggett skond il-ftehim u skond il-kampjun u li ma jhallsux jekk mhux wara li l-venditur ikun adempixxa dan l-obbligu (ara sentenza App J.M.Dalli vs G.Patiniott 19/5/2000).

"L-azzjoni *ex contractu* taht l-artikolu 1440 (illum 1390) tiddefendi lill-kumpratur ghall-inosservanza tal-obbligi kontrattwali kontra l-konsenja ta' oggett divers fil-kwalita' minn dak promess lilu. L-azzjoni redibitorja tipprotegih kontra l-obbligu accessorju tal-venditur li jikkonsenja l-oggett minghajr diffett (ara sentenza Portelli vs Grima App 27/5/1957).

Ghalkemm l-azzjoni *ex contractu* u l-azzjoni redibitorja ghandhom l-istess fondament razzjonali, l-azzjoni ex contractu hija esperibbli biss meta l-haga konsenjata <u>tkun sostanzjalment diversa</u> minn dik kuntrattata, meta l-kwalita' tal-oggett konsenjat tkun diversa minn dik tal-oggett mibjugh b'mod li ma tkunx tikkorrispondi ghall-generu tal-oggett kuntrattat, u hekk il-konsenja tkun konsenja ta' '*aliud pro alio'*."

Illi l-konvenut kien ipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri dwar nuqqas ta' kwalita pattwita meta ra li l-kontrotalba tieghu li l-*coach* kien fih difetti giet michuda. Ghalhekk l-eccezzjoni moghtija issa taghti lok ghal dubbju dwar liema difiza verament il-konvenut qed javanza. Dubbju mahluq mill-konvenut li jippermettilu javanza kemm difiza wahda u kemm l-ohra f'cirkostanzi fejn hu car illi l-istess konvenut naqas milli jottempera ruhu mad-dettami precizi tal-ligi biex jiddefendi ruhu kontra l-inadempjenza kontrattwali allegata tal-bejjiegh u ghazel minflok li jagixxi kif jaqbillu.

Il-konvenut jidher li kien qieghed jagixxi biex jiddefendi ruhu fit-termini ta' l-artikolu 1424 tal-Kodici Civili, kif jidher implicitu fil-kliem li uza fl-eccezzjonijiet u kontrotalba tieghu meta qal li l-*coach* kien fiha hafna difetti, u mkien ma jissemmi li l-*coach* ma kienitx tal-kwalita pattwita.

Kif diga’ gie fuq stabbilit, il-konvenut seta’ biss jivvoka l-garanzija kontra d-difett okkult permezz ta’ l-azzjoni redibitorja jew *quanti minoris*, u hu kellu jagixxi permezz ta’ azzjoni ad hoc fit-terminu stabbilit mil-ligi u ma setghax jiddefendi ruhu *per via di eccezzione*. Tali azzjoni kienet regolata b’disposizzjonijiet proprji u b’termini precizi ta’ dekadenza li kellhom jigu osservati.

Il-konvenut issa qieghed jeccepixxi *per via di eccezione* difiza fit-termini ta’ l-artikolu1390, u hu ovvju li dan l-artikolu jesigi kif ghandu jagixxi l-konvenut f’kaz illi jippretendi li l-oggett konsenjat lilu ma kienx tal-kwalita’ imwieghda jew ma jkunx bhall-kampjun.

Mill-atti tal-process jidher li l-konvenut m’agixxiex skond kif indikat mil-ligi. Minn imkien ma jirrizulta illi huwa rrifjuta l-*coach*, lanqas ma jirrizulta li interpella lill-bejjiegh bid-decizjoni tieghu illi ma jaccettahiex ghax ma kienitx tal-kwalita’ pattwita jew li kien qieghed jiddepozitaha anke jekk formalment taht l-awtorita’ tal-Qorti. Fil-kaz taht ezami ma kienx hemm ir-rifjut ta’ l-oggett konsenjat.

Ghalkemm il-konvenut kien qed jipprova jasal ghall xi ftehim ma’ l-atturi biex hu jhallas inqas mill-valur tal-*coach* hu baqa’ uza l-*coach* li xtara u mpjegah ghall-iskop li ghalih gie akkwistat, u b’hekk tpogga fil-impossibilita’ li jikkonsenja lura l-oggett. Dan huwa differenti mill kaz ta’ dak ix-xerrej li jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-bejjiegh ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghal-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh, u javza lill-bejjiegh b’dan ir-rifjut.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rimedju li ghazel il-konvenut kien dak provdut fl-artikolu 1424 tal-Kodici Civili u mhux dak provdut fl-Artikolu 1390 ta’ l-istess Kodici. Imma anke li kieku kellu jigi b’xi mod jigi accettat illi l-konvenut kien gustifikat jew seta’ jinvoka l-artikolu 1390, xorta jirrizulta li ma kienx agixxa skond kif jipprovdi dak l-artikolu biex jipprotegi d-drittijiet tieghu bhala xerrej.

Ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri ma tistax tigi milqugha.

Kwantu ghall sorte, l-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm17,328.38 bilanc tal-kapital u Lm2,799.13 imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Il-konvenut qed jargumentaw li kif jidher mid Dok CB2 u 3 l-atturi qed jitolbu Lm14,500 biss. Inoltre l-atturi jridu jispjegaw kif waslu ghall figura ta' Lm2,799.13 bhala imghax legali.

**DECIZJONI**

In vista ta' dana u billi l-Qorti mhiex f'posizzjoni f'dan l-istadju li tiddeciedi dwar il-likwidazzjoni tat-talba ta' l-atturi, tiddifferixxi l-kawza biex l-atturi jgibu prova fuq l-ammont dovut bhala kapital u imghax.

Spejjez riservati ghad decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------